**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 439/2014**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Peter sive Pierre Falzon**

Illum, 23 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Peter sive Pierre Falzon, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 535060M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati talli bejn Jannar 2007 u Dicembru 2009, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, fil-kapaċita' tiegħu ta' Nutar Pubbliku:

a) Għamel falsifikazzjoni f'atti awtentiċi u pubbliċi, jew fi skritturi kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u ċioe tlett riduzzjonijiet ta' ipoteki li jappartjenu għal-kumpanija Michael Attard Limited, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement għamel użu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;
b) U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u ċirkustanzi, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, meta kiteb atti li jidħlu fid-dmirijiet tal-kariga tiegħu, biddel bil-qerq

is-sustanza jew iċ-ċirkostanzi tagħhom, sew billi niżżel pattijiet diversi minn dawk li jkunu ġew iddettati jew magħmula mill-partijiet, kemm billi iddikjara bħala veri fatti foloz, jew bħala fatti magħrufa dawk li ma jkunux, u dan fir-rigward ta' tlett riduzzjonijiet ta' ipoteki li jappartjenu għal-kumpanija Michael Attard Limited;

c) U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, ċirkustanzi, fil-kapaċita' tiegħu ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku, dolożament, bi ksur tad-dmirijiet tiegħu, għamel jew naqas li jagħmel xi att, b'tagħkis jew bi ħsara ta' Michael Attard Limited;

d) U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, ċirkustanzi, ikkommetta tali reati, filwaqt li kien uffiċjal jew impjegat pubbliku, b'hekk sar ħati ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Marzu 2023, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 138, 140, 141, 180, 183, 190 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, iddikjarat li l-proċeduri huma nulli u bla effett skond il-liġi u tastjeni milli tkompli teżamina l-każ fil-mertu.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-13 ta' April 2023, fejn talab lil din l-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjaraha nulla u bla effett u ai termini tal-Artikolu 428 tal-Kodiċi Kriminali, tibgħat l-atti tal-kawża lura lill-Ewwel Qorti sabiex issir il-proċedura li jitlob l-Artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali u b'hekk tkun tista' tipproċedi l-kawża skond il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi essenzjalment l-Avukat Generali jivventila lanjanza waħda fl-appell minnu intentat, lanjanza li ma tattakkax il-mertu tal-każ, ukoll għax dan qatt ma kien deċiż mill-Ewwel Qorti li għaddiet biex tiddikjara l-proċeduri nulli. L-appell għalhekk huwa mmirat lejn id-deċiżjoni meħuda mill-Ewwel Qorti meta ddikjarat in-nullita' tal-proċeduri u għaddiet biex tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-każ u waqqfet hemm,

wara li rriskontrat allegat difett procedurali fl-*iter* processwali li, fil-fehma tal-Ewwel Qorti, vvizzja l-proċeduri. Jillanja l-Avukat Ġenerali, illi hemm nullita' tad-deċiżjoni impunjata biex b'hekk jekk din il-Qorti taghtih ragun ikollha tirrimetti l-atti quddiem l-Ewwel Qorti u dan sabiex l-proċess jitkompla mill-gdid mill-istadju fejn l-Avukat Generali bagħat n-nota ta' rinviju għal ġudizzju, billi huwa minn dan l-istadju tal-proceduri meta allura seħħ l-allegat vizzju proċedurali.

Illi, l-Avukat Ġeneral jaqbel ma' dik il-parti tas-sentenza appellata fejn kien deċiż illi l-proċedura mfassla fl-Artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali ma kienitx segwita u dan meta ma nqratx in-nota ta' rinviju għal-ġudizzju u l-artikoli tal-liġi mibgħuta mill-Avukat Ġenerali bil-konsegwenza illi l-imputat lanqas ta l-kunsens tiegħu sabiex il-każ ikun ġġudikat mill-qorti inferjuri. L-appellat jaqbel ukoll illi hemm dan id-difett fl-*iter* proċesswali. Madanakollu, l-Avukat Ġenerali, kuntrarjament għall-appellat, huwa tal-fehma illi l-konsegwenza ta' dan in-nuqqas kien iwassal mhux għan-nullita' tal-proċeduri fl-intier tagħhom, kif iddeċidiet l-Ewwel Qorti, iżda din in-nullita' kellha tkun riskontrata unikament mill-mument illi l-Ewwel Qorti arrogat għaliha kompetenza li ma kellhiex u dan stante illi ma kenitx segwieta l-proċedura ravviżżata fl-liġi, u għalhekk ma saritx il-konverżjoni tal-kompetenza tal-Qorti minn dik kumpilatorja għal dik ta' ġudikatura kriminali.

Illi, mill-Atti Proċesswali jirriżultaw, *inter alia*, is-segwenti fatti probatorji:

i) Il-proċeduri odjerni kienu mnehdija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja nhar id-9 ta' Ġunju 2014.

ii) Nhar it-23 ta' Ġunju 2014, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja ddikjarat – "**Il-Qorti, wara li rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti matul din il-kumpilazzjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat tqis li hemm raġunijiet biżżejjed sabiex l-imputat jitqiegħed taħt att t'akkuża u konsegwentement qed tibgħat l-atti lill-Avukat Ġenerali sabiex joqgħod għal dan l-att quddiem il-qorti kompetenti**".

iii) Nhar id-9 ta' Settembru 2014, l-Avukat Ġenerali bagħat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju, b'riserva illi qabel kellhom ikomplu jiġu kkumpilat aktar provi kif hemm indikati.

iv) Kompla s-smigħ tal-provi tal-Prosekuzzjoni sakemm nhar id-9 ta' Ottubru 2017, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara definittivament li l-provi tal-Prosekuzzjoni kienu magħluqa.

v) Instemgħu l-provi *in difesa* kif ukoll saru t-trattazzjonijiet finali rispettivi tal-partijiet, sakemm nhar il-21 ta' Marzu 2023, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għaddiet għas-sentenza.

Illi l-mument meta għandu jitqies illi l-Qorti tal-Maġistrati tiġi konvertita mill-kompetenza Istruttorja tagħha għal dik fejn hija mħollija f'idejha il-ġudizzju tal-każ meta imbagħad issir Qorti tal-Ġudikatura Kriminali, hija imfassla mill-leġislatur fl-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali taħt is-Sub-Titolu "**Fuq il-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali**". Din id-dispożizzjoni tal-liġi, li rat diversi emendi fiha miż-żmien tal-promulgazzjoni tagħha, telenka essenzjalment dawk il-każijiet li jaqgħu fil-manzjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali u mhux fil-vesti Istruttorja tagħha.

Illi f'waħda mill-istanzi msemmija fl-artikolu 370 meta l-Qorti tal-Maġistrati hija vestita bil-kompetenza aġġudikattva tagħha, hija dik li isseħħ meta l-Avukat Generali, jekk jidhirlu illi mill-provi miġbura fl-Istruttorja jirriżulta reat li jaqa' fil-kompetenza estiża tal-qorti inferjuri, allura jadixxi lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali u dan fit-termini ta'l-artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali b'rinviju, <u>indirizzat lil dik il-Qorti</u>, li fih huwa jispjega t-termini li bihom l-Qorti għandha tiddeċiedi l-kawża u dan meta jindika mhux biss ir-reati li dwarhom tista' tinstab ħtija fil-konfront ta'l-imputat, iżda ukoll jekk il-Qorti għandhiex tisma' xi xhieda oħra qabel ma tgħaddi għad-deċiżjoni tagħha.

Magħdud dan madanakollu, l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal-ġudikatura kriminali tista' tiġi radikata bil-kunsens ta'l-imputat sabiex il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja. Fil-każ li dan ma jagħtix dak il-kunsens, allura il-Qorti tal-Maġistrati trid tirrinvija l-atti lura lill-Avukat Ġenerali sabiex tinħareġ l-att ta'l-

akkuża. Mingħajr dak il-kunsens il-Qorti tal-Maġistrati ma tistax tgħaddi għad-deċiżjoni tagħha. Huwa dan il-kunsens biss jew nuqqas tiegħu li b'xi mod jista ixejjen il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati fil-vesti tagħha ta' Ġudikatura Kriminali. Fil-fatt l-artikolu 370(3)(a) jiddisponi testwalment hekk:

> **"B'dak kollu li jiddisponi s-subartikolu (1)(b), l-Avukat Ġenerali jista' jibgħat, sabiex tkun iġġudikata mill-qorti fuq imsemmija, persuna akkużata ta' delitt li għalih hemm il-piena ta' priġunerija għal żmien iżjed minn sentejn iżda mhux iżjed minn tnax-il sena, jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni minn dik il-persuna."**

Minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-liġi jemerġu dawn iż-żewġ fatturi determinanti kif spjegat hawn fuq, u ċioe', illi fl-ewwel lok meta l-Avukat Ġenerali jibgħat in-nota ta' rinviju għal ġudizzju tiegħu huwa qiegħed jadixxi l-Qorti fil-vesti tagħha tal-Ġudikatura Kriminali. Il-Qorti, madanakollu, hekk adita, tista tgħaddi għal ġudizzju biss jekk l-imputat jagħti l-kunsens tiegħu sabiex hekk iseħħ. Meta dan il-kunsens ma jingħatax allura il-Qorti ma għandhiex il-kompetenza tisma' u tiddeċiedi l-każ u trid terġa' tirrinvija l-atti lill-Avukat Ġenerali sabiex tinħareġ l-att ta'l-akkuża. Fil-fatt is-sub-inċiż (b) jipprovdi illi meta l-atti jinbagħtu lura lill-qorti sabiex tiġġudika dak id-delitt, il-qorti għandha tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ittrattat bi proċedura sommarja u tagħtih, fid-diskrezzjoni tagħha, żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija. Dan ifisser illi ir-rwol tan-nota ta' rinviju għal ġudizzju jagħti lil Qorti tal-Maġistrati is-setgħa li tiddeċiedi l-każ prevja ovvjament l-kunsens tal-imputat. Iżda l-legislatur jimponi obbligi ohra fuq il-Qorti tal-Magistrati qabel ma hi tghaddi biex titlob il-kunsens mill-imputat sabiex titratta u tiddeciedi l-vertenza imressqa quddiemha:

> **"Qabel ma l-qorti tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja, kif provdut fil-paragrafu (b), il-qorti għandha tisma' dik ix-xhieda oħra li tista' tiġi ndikata mill-Avukat Ġenerali fl-istess nota li biha jibgħat lill-persuna akkużata sabiex tkun iġġudikata mill-qorti fuq imsemmija skont il-paragrafu (a)"**

Illi ġie deċiż illi:

> **"Meta l-Avukat Generali jirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati skond is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 370 tal-Kodici Krminali, huwa jkun qed jadixxi lil dik il-qorti fl-attribuzzjoni taghha bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Dan jirrizulta car anke mill-istess nota ta' rinviju a fol. 133 li hi kjarament indirizzata "Lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali". Huwa minnu li biex tipprocedi u tghaddi biex tiggudika, dik il-qorti jrid ikollha l-kunsens ta' l-akkuzat, izda dana l-ostakolu procedurali ma jfissirx li dik il-qorti tkun ghadha Qorti Istruttorja. Hija tkun Qorti ta' Gudikatura Kriminali li pero`, principalment fl-interess ta' l-akkuzat, trid issegwi certa procedura biex jigi assigurat li jkun hemm effettivament il-kunsens ta' l-akkuzat ghalbiex il-kaz tieghu jigi deciz sommarjament minn dik il-qorti flok imur biex jigi deciz quddiem il-Qorti Kriminali[1]."**

Illi, mill-*iter* proċesswali huwa evidenti illi minkejja li l-Avukat Ġenerali bagħat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju nhar id-9 ta' Settembru 2014, fejn ndika l-artikoli tal-liġi li dwarhom, fil-fehma tiegħu, setgħet tinstab ħtija flimkien ma' riserva ta' provi li kien għad baqalhom jiġu kumpilati, imkien fl-atti proċesswali odjerni ma hemm indikat li l-istess artikoli tal-liġi effettivament inqraw u wkoll li l-appellat stqarr li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jinstema' u jiġi deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati fil-kompetenza tagħha ta' ġudikatura kriminali, u dan kif ġustament jingħad fis-sentenza appellata. Dan madanakollu ma jfissirx, u ma kellux ifisser għall-Ewwel Qorti illi dawn l-iżbalji proċedurali jwasslu għan-nullita' tal-proċeduri fl-intier tagħhom, iżda biss għan-nullita' mill-mument illi l-Avukat Ġenerali bagħat in-nota ta' rinviju għal ġudizzju billi sa dan il-mument l-Ewwel Qorti imxiet sew fil-kompetenza tagħha bħala Qorti ta' istruzzjoni.

Illi allura, n-nullita' ravviżata mill-Ewwel Qorti kellha tolqot il-proċeduri <u>biss u unikament</u> mill-mument illi l-provi tal-Prosekuzzjoni ingħalqu, u qabel ma l-Qorti għaddiet biex tibda tisma' il-provi tad-Difiża, billi minn dan il-mument kellha tkun segwita il-proċedura indikata mill-liġi, għalkemm hija l-fehma tal-Qorti illi il-fatt illi l-appellat adixxa lil Qorti fil-vesti tagħha aġġudikattiva u ressaq il-provi u għamel is-sottomissjonijiet tiegħu, huwa kien indirettament qed jaqbel illi l-Qorti, kif adita mill-Avukat Ġenerali bħala dik ta' Ġudikatura Kriminali meta intbagħtet in-nota ta' rinviju għal ġudizzju, kellha tkun hi li tiddeċiedi l-każ u kwindi lanqas ma jista' jingħad li

[1] Il-Pulizija vs Francis sive Frank Portelli – deciza 25/07/2008

hemm xi nullita' assoluta, għalkemm ma hemmx osservanza sħiħa ma' dak dispost fil-liġi. Kwindi sabiex ma jkun hemm ebda difett fl-*iter* proċesswali jkun għaqli illi l-atti jkunu dikjarati nulli mill-mument tal-egħluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni bil-Qorti tal-Maġistrati, fl-vesti tagħha ta' Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għandha tara li jinqraw l-artikoli tal-liġi ndikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu tad-09 ta' Settembru 2014, u wara dan tistaqsi lill-appellat jekk huwa għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jkun trattat bil-proċedura sommarja, u wara li tikseb dak il-kunsens, tgħaddi biex tisma' l-provi tad-difiża u tiddeċiedi l-każ skont il-liġi.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali, tgħaddi sabiex tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-proċeduri nulli u mingħajr effett fil-liġi unikament mill-mument illi ngħalqu l-provi tal-Prosekuzzjoni 'il quddiem. Għalhekk tirrinvija l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex minn dan il-mument tipproċedi bis-smigħ tal-każ skont il-liġi.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**